Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2026/2340

23.10.2026

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2026/2340

tat-22 ta' Ottubru 2026

dwar in-nonapprovazzjoni tal-estensjoni tal-użu tas-sustanza bażika *Urtica* spp. f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 23(5), flimkien mal-Artikolu 13(2), tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/419 ([2]) approva s-sustanza bażika *Urtica* spp. għall-użu fil-protezzjoni tal-pjanti: fl-applikazzjonijiet tal-isprej bħala insettiċida fuq is-siġar tal-frott, il-ħxejjex leguminużi mnixxfa u ż-żrieragħ żejtnin, il-patata, il-ħxejjex tal-weraq, il-lift, il-ħxejjex tal-għeruq u tat-tuberi, is-sebuqa, il-ward, l-*iSpiraea* sp.; fl-applikazzjonijiet tal-isprej bħala akariċida fuq il-fażola u d-dwieli; fl-applikazzjonijiet tal-isprej bħala fungiċida fuq il-*Brassicaceae*, il-kukurbiti, is-siġar tal-frott, id-dwieli u l-patata, u fl-applikazzjonijiet bħala għata tal-ħamrija inkluża fil-mulch bħala fungiċida fuq il-ħjar tal-għelieqi u protett, it-tadam tal-għelieqi, il-ward tal-għelieqi u protett u s-siġar ornamentali.

(2) F'konformità mal-Artikolu 23(3) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, fis-26 ta' Settembru 2019 il-Kummissjoni rċeviet applikazzjoni mingħand Collot Agriculture dwar is-sustanza bażika *Urtica* spp. fil-protezzjoni tal-pjanti. L-applikazzjoni pproponiet iż-żieda ta' riċetta ġdida għall-preparazzjoni tas-sustanza bażika *Urtica* spp. għal għadd ta' użi proposti. L-applikazzjoni pproponiet ukoll użi ġodda ta' *Urtica* spp.: bħala fungiċida fuq il-fażola komuni għall-kontroll tal-*iSclerotinia sclerotiorum*, fuq il-kukurbiti għall-kontroll tal-*Erysiphe cichoracearum*, fuq il-frawli għall-kontroll tal-*iSphaerotheca macularis* f. sp. *Fragariae*, fuq l-insalati kollha għall-kontroll tal-*Golovinomyces cichoracearum*, fuq il-karrotti għall-kontroll tal-*Erysiphe heraclei*, u fuq il-patata għall-kontroll tal-*Erysiphe cichoracearum*; bħala insettiċida fil-karrotti għall-kontroll tas-*Semiaphis dauci* u tal-*Psila rosae*, fuq l-insalati kollha għall-kontroll tal-*Myzus persicae*, tal-*Aphis gossypii*, tal-*Macrosiphum euphorbiae*, tan-*Nasonovia ribisnigri*, tal-*Hyperomyzus lactucae* u tat-*Tetranychus urticae*, fuq il-frawli għall-kontroll tal-*Myzus persicae*, tal-*Aphis gossypii*, tal-*Macrosiphum euphorbiae*, tan-*Nasonovia ribisnigri*, tal-*Hyperomyzus lactucae* u tat-*Tetranychus urticae*, fuq il-pjanti ornamentali għall-kontroll tal-afidi u tal-akari, fuq l-isparġ għall-kontroll tal-*Crioceris asparagi* u fuq il-patata għall-kontroll tal-*Aphis nasturtii*, tal-*Myzus persicae*, tal-*Macrosiphum euphorbiae* u tal-*Aulacorthum solani*; u bħala stimulatur tad-difiża tal-pjanti fl-isparġ.

(3) Il-Kummissjoni talbet assistenza xjentifika mill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità"). Fit-23 ta' Marzu 2021, l-Awtorità ppreżentat Rapport Tekniku dwar is-sustanza inkwistjoni lill-Kummissjoni ([3]). Il-Kummissjoni ppreżentat ir-Rapport ta' Rieżami u abbozz ta' dan ir-Regolament lill-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf.

([1]) ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2009/1107/oj.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/419 tad-9 ta' Marzu 2017 li japprova s-sustanza bażika *Urtica* spp. skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, u li jemenda l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 (ĠU L 64, 10.3.2017, p. 4, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2017/419/oj).

([3]) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA), 2021. Technical report on the outcome of the consultation with Member States and EFSA on the basic substance application for approval of *Urtica* spp. for the extension of use in plant protection as a fungicide on common bean, cucurbits, strawberry, all salads, carrot and potato, as an insecticide in carrot, all salads, strawberry, ornamentals, asparagus and potato, as well as plant strengthener in asparagus. Il-pubblikazzjoni ta' sostenn tal-EFSA tal-2021:EN-6551. 59 paġna. doi:10.2903/sp.efsa.2021.EN-6551.

(4) Abbażi tar-Rapport Tekniku tal-Awtorità tal-2021, tal-kummenti mill-Istati Membri, tat-tweġibiet tal-Awtorità għall-kummenti mill-Istati Membri u ta' aktar informazzjoni addizzjonali pprovduta mill-applikant biex jindirizza l-punti miftuħa identifikati fir-Rapport Tekniku tal-Awtorità, ir-riċetta l-ġdida proposta għas-sustanza bażika *Urtica* spp. ma tissodisfax il-kriterji tal-Artikolu 23 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009. Din ir-riċetta tipprevedi li l-parti 'l fuq mill-art tal-ħurrieq tiġi mmaċerata fl-ilma u li tiżdied il-ħmira (*Saccharomyces cerevisiae*) biex tiġi ffaċilitata l-fermentazzjoni. Kif innotat mill-Awtorità, ir-razza LAS02 tas-*Saccharomyces cerevisiae* hija sustanza attiva approvata skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/952 ([4]). Peress li f'din ir-riċetta l-ġdida tiżdied sustanza attiva li mhijiex sustanza bażika, il-prodott miksub mir-riċetta l-ġdida proposta jenħtieġ li jitqies bħala prodott għall-protezzjoni tal-pjanti u għalhekk jaqa' barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 23 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009.

(5) Barra minn hekk, l-informazzjoni disponibbli ma tippermettix il-konklużjoni li r-riċetta l-ġdida tal-*Urtica* spp. maħsuba għall-użu fil-protezzjoni tal-pjanti bħala fungiċida tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 fir-rigward tal-kriterji għall-approvazzjoni tas-sustanzi bażiċi, b'mod partikolari fir-rigward tar-rekwiżit li s-sustanza la jkollha effett ta' ħsara immedjat jew ittardjat fuq is-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali u lanqas effett inaċċettabbli fuq l-ambjent. Ma ngħatatx biżżejjed informazzjoni biex tiġi ffinalizzata l-valutazzjoni tar-riskju għall-operaturi, għall-ħaddiema, għar-residenti u għall-persuni fil-qrib, u tar-riskju għall-konsumaturi u għall-organiżmi mhux fil-mira.

(6) L-Awtorità kkonkludiet ukoll li l-informazzjoni pprovduta biex tappoġġa l-effikaċja tal-użu tal-*Urtica* spp. bħala sustanza li ssaħħaħ il-pjanti, sa fejn hija fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, jiġifieri bħala stimulatur għad-difiża tal-pjanti, mhijiex biżżejjed.

(7) Għalhekk, jixraq li r-riċetta l-ġdida proposta u l-estensjoni tal-użi ma jiżdidux mal-kundizzjonijiet tal-użu tal-*Urtica* spp.

(8) Wara li daħal fis-seħħ ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/419, sar qbil fl-Organizzazzjoni Ewropea u Mediterranja għall-Protezzjoni tal-Pjanti (EPPO) dwar l-Istandard PP 1/248 "Sistema armonizzata għall-klassifikazzjoni u għall-kodifikazzjoni tal-użi tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti" ([5]). L-istandard tal-EPPO PP 1/248 għandu l-għan li jipprovdi sistema armonizzata għall-klassifikazzjoni u għall-kodifikazzjoni tal-użi tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti biex jippermetti karatterizzazzjoni konsistenti sabiex dawn l-użi jkunu jistgħu jinftiehmu, jitqabblu u jiġu vvalutati b'mod ċar f'pajjiżi differenti. Għal raġunijiet ta' ċarezza, jixraq li jiġi emendat l-Appendiċi II tar-Rapport ta' Rieżami għall-approvazzjoni tal-*Urtica* spp. bħala sustanza bażika f'konformità mal-Istandard PP 1/248. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-lista tal-użi appoġġati mid-data disponibbli tiġi identifikata permezz tal-kodiċijiet tal-EPPO.

(9) L-Appendiċi II tar-Rapport ta' Rieżami għall-approvazzjoni tal-*Urtica* spp. bħala sustanza bażika jelenka l-konċentrat dispersibbli (DC) bħala l-uniku tip ta' formulazzjoni. Il-konċentrat ta' sospensjoni (SC) bħala tip ta' formulazzjoni tħalla barra bi żball mill-approvazzjoni oriġinali minħabba żball amministrattiv. Jixraq li dan l-iżball jiġi kkoreġut billi l-konċentrat tas-sospensjoni jiġi rikonoxxut bħala tip ta' formulazzjoni appoġġata.

(10) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Nonapprovazzjoni tal-estensjoni tal-użu tas-sustanza bażika

L-estensjoni tal-użu tas-sustanza bażika *Urtica* spp. mhijiex approvata.

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/952 tal-15 ta' Ġunju 2016 li japprova s-sustanza attiva ta' riskju baxx *Saccharomyces cerevisiae* tar-razza LAS02 f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, u li jemenda l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 (ĠU L 159, 16.6.2016, p. 10, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2016/952/oj).

([5]) https://www.eppo.int/media/uploaded_images/ACTIVITIES/plant_protect_products/pp1-248-3-e.pdf.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Ottubru 2026.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN